# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 32 L-ERBGHA, L-1 TA' MARZU, 1944. Nru. 32

## IL-BIEDJA GHAZ-ZMIEN LI GEJ

(*Sejħa lill-Bdiewa mis-Sur H. HIRST, M.Sc., N.D.A., N.D.D., A/Direttur tal-Biedja*)

IL-GWERRA ġiebet risq lill-biedja b'mod li qatt ħadd ma basar bih. Minn faqar, prezzijiet baxxi ta' prodotti u dejn li dawn ikkaġunaw, il-biedja tal-pajjiż irnexxielha tkompli miexja, bis-saħħa ta' l-iżvilupp ta' l-annimali tar-raba', sakemm—kważi sal-bidu ta' l-assedju li kellna—bil-kemm kienet tifdi.

Ma' tul l-assedju l-bdiewa kienu xxurtjati li l-kontroll ta' l-affarijiet tal-biedja kien f'idejn id-Dipartiment tal-Biedja, li, għalkemm qiegħed l-interess tal-pajjiż qabel kollox, fehem sewwa illi l-bdiewa għandhom ikollhom qligħ xieraq, anzi qligħ tajjeb, għax-xogħol tagħhom taħt l-agħar kondizzjonijiet. F'xi pajjiżi l-kontroll tal-prodotti tal-biedja tħalla f'idejn Dipartiment tat-Tqassim ta' l-Ikel li kien immexxi minn nies li ma jifhmux fil-biedja.

Nies pubbliċi għolja waħħlu fil-bdiewa li talbu prezzijiet bil-bosta għoljin għall-prodotti li kienu meħtieġa għall-ħajja. Il-bdiewa, għandna nistqarru, li huma nies li ħadmu iebes u li ippruvaw jiksbu l-aħjar prezzijiet meta l-prodotti kellhom suq tajjeb, u b'hekk iħallsu ftit minn djunhom u biex iwarrbu xi ħaġa biex jixtru annimali u jagħmlu dak li jinħtieġ meta ż-żmien u l-kondizzjonijiet jippermettu.

Il-ftit bdiewa li ħasbu minn qabel u kellhom xi raba' saqwi fil-kobor, għamlu flus sewwa; iżda dawk tal-bagħli u ħafna oħrajn magħhom, ma qalgħux ħlief biex jħallsu dejnhom u biex iwarrbu xi ftit flus għaż-żmien li ġej.

Bħala missier, id-Dipartiment tal-Biedja, ħa interess għall-ġid tal-bdiewa. Huwa inkoraġġixxa prezzijiet tajbin, iżda ma ħalliex prezzijiet eżaġerati għaliex dawn kienu joħolqu għana falz għal ftit żmien li l-lum jew għada kien jispiċċa fix-xejn.

Prezzijiet garantiti u sussidjati bi produzzjoni iżjed milli jiflaħ is-suq tal-pajjiż tista' biss iġġib taħwid fis-swieq. Prezzijiet għoljin fil-pajjiż ma jħallux li wieħed jesporta bi qligħ u jħajru lill-konsumatur għal dawk il-prodotti li jiġu b'orħos minn barra. Il-bdiewa għandhom jiftakru illi l-bdiewa jagħmlu mill-ħamsa waħda tal-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer u għalkemm il-biedja hi l-vera u l-unika industrja ta' dawn il-Gżejjer, il-bżonnijiet u l-interessi ta' l-erba' parti l-oħra tal-popolazzjoni jinħtieġ li jitqiesu u jiġu moqdija.

Il-bdiewa għandhom ukoll jiftakru illi s-sussidju kbir li ngħata għall-prodott tal-patata tax-xitwa tal-1942-1943 u tal-qmugħ tal-1942 u 1943 ġew minn flus Imperjali—jiġifieri minn bwiet min iħallas it-taxxi fl-Ingilterra. Dawn is-sussidji kien hemm raġuni għalfejn jingħataw dak iż-żmien għaliex bihom il-produzzjoni żdiedet u b'riħet hekk il-poplu sab x'jiekol fi żmien meta Malta kienet imblukkata. Issa illi l-Mediterran jinsab miftuħ u jistgħu jinġiebu ħwejjeġ ta' l-ikel meħtieġa, il-bżonn illi nieħdu l-iżjed produzzjoni qawwija mill-art m'għadux hekk jinħass. Il-flus ta' Fondi Imperjali jinħtieġ issa jmorru, safejn hu possibbli, minn sussidji lokali, għal ħwejjeġ iżjed neċessarji tal-gwerra.

Għalkemm il-gwerra tbiegħdet minn din l-art, aħna għad irridu nirbħuha u l-flus jinħtieġ imorru f'dak li jinħtieġ biex is-suldati tagħna jkollhom l-aħjar armi biex jitnaqqas it-telf tal-ħajja u biex in-nies ta' l-Ewropa meħlusa jkunu jistgħu jiġu mitmugħin, imlibbsin u jkollhom x'imkien fejn joqogħdu. Minn hekk il-bdiewa għandhom jaraw illi ma hemmx iżjed ċans illi l-bidwi jkollu sussidju.

Minn hekk jidher ukoll illi l-biedja trid issib hi stess is-salvazzjoni tagħha. F'dan ix-xogħol id-Dipartiment tal-Biedja jinsab lest biex juri t-trieq.

Id-Dipartiment tal-Biedja jixtieq li ma jħallix il-biedja tal-pajjiż terġa' taqa' lura fil-fallimenti u djun li kienet fih fl-imgħoddi. Tiħdux għal dawk in-nies li jiġu jgħidulkom li aħjar kif konna qabel jekk ma tixtiqux li terġgħu tibdew taħdmu, tista' tgħid, għalxejn. Forsi aħna ġġilidna din il-gwerra—sofrejna t-telf ta' ħbieb u qraba mill-attakki tal-għadu u bqajna neqsin minn ħafna affarijiet—biex nerġgħu biss għaż-żmien l-imgħoddi tal-faqar, injuranza, għajb u dejn? Għax dak hu li jfisser iż żmien tas soltu għan nies tar-raba'. Dak ir-raġel li jrid li mmorru lura għaż-żmien ta' qabel il-gwerra, għal dak li jolqot il-biedja, hu iktarx wieħed minn dawk li fl-imgħoddi għamel qligħ tajjeb mix-xogħol tal-bidwi. Id-Dipartiment tal-Biedja jrid li l-bidwi jkun kapaċi jikkultiva prodotti li tagħhom nafu żgur li jsib bejgħ bi prezz xieraq, għalkemm mhux bilfors garantit; irid li huwa jkollu sigurtà fuq il-qbiela biex ikun jista' jġib il quddiem ir-raba' tiegħu bl-istess tama daqs wieħed li għandu r-raba' tiegħu, u li, madankollu, ikun jista' jagħmel dan mingħajr ma jimpjega l-kapital tiegħu biex jixtrih. Hu jrid illi l-bidwi jkollu l-flus jew mezzi biex isselifhom b'imgħax żgħir biex ikun jista' jixtri żerriegħa, demel artifiċjali, u bhejjem tar-raba'. Fuq kollox, jixtieq li jeqred l-injuranza, li jħarreġ il-bdiewa żgħażagħ fil-metodi moderni tal-biedja, u biex imexxi 'l quddiem industrji ġodda bħalma hi dik li tagħmel il-*bacon*, u l-produzzjoni taż-żerriegħa tal-ħxejjex u tal-fjuri għas-safar.

Malta tista' u għandha jkollha minnha nfisha biżżejjed annimali tar-raba'. Aħna nistgħu nipprovdu kemm neħtieġu ħalib, bajd, ħaxix u laħam għall-konsum tal-pajjiż. Biex niksbu dan, il-Gvern ta l-kelma biex iġib l-aħjar annimali tar-razza u biex ikabbar is-saqwi b'mod illi aħna ma jkollniex bżonn inġibu ġwież minn barra.

Kullma jkun jinħtiġilna li nġibu minn barra huwa l-ful, qamħ ir-rum, qaraboċċ, u żerriegħa tal-qoton. Ir-raba' tagħna jiġi mdemmel tajjeb bis-saħħa ta' dawn l-annimali. Il-bdiewa jafu x'jista' jsir bl-industrja tal-majjali—billi tiġi ipprojbita l-importazzjoni tal-qżieqeż ħajjin u tal-porku frisk fil-mument tajjeb—u billi l-Gvern ġieb minn barra razza pura ta' ħnieżer bojod kbar u daħħal metodi ġodda tat-tilqim kontra l-mard, aħna mhux biss kellna biżżejjed majjali fil-pajjiż, iżda wkoll żidna l-konsum tal-porku billi kien ta' l-aħjar kwalità, naqqasna ħafna l-mard minn fuq l-annimali u ipprovdejna ruħna bi kwantità sabiħa ta' demel.

Dak li sar għall-majjali jista' jsir għall-ħalib, bajd, ċanga, inbid, *bacon* u ġobon—basta l-bdiewa jimxu fuq dak li juri d-dipartiment. Fis-swieq tal-prodotti, iżda, il-bdiewa jaħdmu huma stess is-salvazzjon tal-biedja.

L-ewwelnett jinħtieġ illi jiġu ikkultivati dawk il-prodotti u biss kemm jinħtieġ minnhom għall-konsum tal-pajjiż. Il-Kontroll tal-Ħaxix li għamel il-Gvern, issa jagħtina fuqhiex naraw dwar il-kwantità tal-bżonnijiet tal-pajjiż. Għaldaqshekk, jekk il-bdiewa jixtiequ huma jistgħu jirrangaw malajr il-produzzjoni skond ma jinħtieġ il-pajjiż, mingħajr ma nittantaw nagħmlu prezzijiet għolja.

La l-prezzijiet ma jkunux għoljin ikun jinħtieġ illi l-bdiewa jiksbu l-parti l-kbira tal-prezz li bih jinbiegħ il-

(*Jissokta fil-faċċata 3*)

